MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 170/2009

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li ssostitwiet il-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat fit-12 ta' Marzu 2003, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat (Dok. MS 1);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi dan iz-zwieg dam tlett xhur biss, u l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli peress li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' adulterju, abbnadun, eccessi, sevizzi u ta' ingurji gravi fil-konfront taghha;

4. Illi nfethet medjazzjoni mir-rikorrenti u in vista tac-cirkostanzi l-medjazzjoni inghalqet b' digriet hawn anness u mmarkat (Dok. MS 2) moghti minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk qieghda ssir din il-kawza odjerna;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji gravi u ragunijiet ohra mputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-intimat;

2. Tapplika l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta (1984 ed) in toto jew in parte kontra l-intimat u favur l-attrici u ghalhekk tiddikjara illi l-intimat, b' effett mid-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala data meta l-istess konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, iddekada minn sehmu fil-komunjoni ta' l-akkwisti; tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b' donazzjoni qabel u wara z-zwieg jew b' titolu gratwitu iehor minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici u tiddikjara inoltre illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tiddividi u tassenja l-assi appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti f' ishma li mhux necessarjament ikunu ugwali stante li l-intimat qatt ma kkontribwixxa xejn ghal komunjoni kif ukoll ma' jitqiesx intitolat ghall-akkwisti maghmulin bix-xoghol tar-rikorrenti okkorrendo billi jigi

nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi sabiex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

4. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti li tabita fid-dar matrimonjali li hija mikrija f' isimha as eskluzjoni ta' l-intimat u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

5. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni parafernali taghha.

6. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif l-attrici tghaddilhom kull taghrif li ghandha, l-aktar l-indirizz, ta' zewgha – li ghalih huma nhatru biex jidhru – huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mieghu halli jaqdu dmirhom kif imiss.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din l-qorti tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut assenti, kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-konvenut assenti, cittadin sirjan, fit-12 ta' Marzu 2003. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta' tlett xhur, u cioe' f' Gunju 2003 il-konvenut qal lill-attrici li kien ser jsiefer biex imur jara lil

ommu li skond hu kienet marida. Fil-fatt huwa siefer u ma regax gie lura.

L-attrici tispjega li kienet hi li pprovdiet id-dar matrimonjali, u li kienet hi li kienet tipprovdi ghal ghejxien taghha u ta' l-istess konvenut. L-attrici tghid li l-konvenut zewgha kien juza dak kollu li kien taghha, u hu minn naha tieghu ma kien jaghti xejn. Inoltre, kien jheddida b' mod konsistenti illi "jekk jien naghmel xi haga li biha hu ma jkunx jista' jiehu dan il-passaport malti, kont nispicca hazin."[1] Tghid li wara li telaq mid-dar "la qatt ma smajt bih u lanqas rajtu aktar."[2]

Il-qorti tosserva li l-proceduri, kemm tal-medjazzjoni kif ukoll dawk odjerni, bdew f' Mejju 2009, u ghalhekk ir-rekwizit taz-zmien kontemplat fl-artikolu 41 jirrizulta sodisfatt, kif jirrizulta wkoll sodisfatt ir-rekwizit l-iehor li ma kienx hemm raguni valida ghat-tluq tal-konvenut mid-dar konjugali.

Illi mill-premess jirrizulta car li l-iskop li ghalih il-konvenut izzewweg lill-attrici kien unikament wiehed ta' konvenjenza, u senjatament sabiex jiehu vantagg mill-istat tieghu ta' ragel barranni mizzewweg mara maltija.

Illi rigward il-vettura Alfa Romeo 75 il-qorti qed tassenja din il-vettura lill-konvenut assenti, stante li din tinsab fil-pussess tieghu, u li l-bilanc tad-dejn aggravanti din il-vettura qed jigi assejnat fl-intier tieghu lill-istess konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, fit-termini ta' l-artikoli 41 u 48 tal-Kap.16.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha fit-termini taghhom; u tordna li l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relatati

[1] Fol.39
[2] Ibid

mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------